MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 3516/1996/1

**Ermelinda Glynn mart James Anthony Glynn f'isimha *proprio* u bhala legittima rapprezentanta ta' uliedha minuri Amy u Abigail ahwa Glynn**

**-vs-**

**Avukat Dottor Tonio Mallia u P.L. Edgar Montanaro bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti James Anthony Glynn**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta' Jannar 1989 fil-Knisja ta' San Duminku, Rabat, Malta u mil-liema zwieg tweldulhom zewgt itfal minuri Amy u Abigail ahwa Glynn li

llum ghandhom l-eta` rispettiva ta' hames snin u nofs u tliet snin;

Premess illi l-imsemmi konvenut irredna ruhu hati ta' swat, sevizzi, mohqrija u imkompatibilita` ta' karattru da parti tieghu b'rizultat li rrenda impossibbli l-hajja konjugali ta' bejniethom;

Premess illi l-konvenut mhux qed imantni lill-attrici u lil uliedhom kif tenut jaghmel skond il-ligi;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha *ad mensa et thoro* skond digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numru 1519/96 anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument A;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri Amy u Abigail f'idejn l-attrici fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja ghaliha u ghal uliedhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b'dawk il-modalitajiet li jigu hekk stabbiliti;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni taqsamha bejn zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u okkorrendo tinnomina Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 56, 58, u 59 tal-Kodici Civili u senjatament li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Tonio Mallia u l-P.L. Edgar Montanaro nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti James Anthony Glynn li fiha huma eccipew:-

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta' Marzu 1999, li permezz tieghu giet nominata l-Assistant Gudizzjarju Dr. Deborah Huber biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-fatti f'din il-kawza qed jigu kompilati mill-unika prova migjuba, u cioe` d-deposizzjoni ta' l-attrici fl-Affidavit (fol. 28 tal-process) u *viva voce* quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 1999;

Fil-qosor inghad li:-

(a) Il-koppja izzewget fit-22 ta' Jannar 1989 (fol. 11) u minn dan iz-zwieg twieldu z-zewgt itfal minuri Amy u Abigail (Dok. 9 u Dok. 10);

(b) Zewg l-attrici hu ta' nazzjonalita` Ingliza u xoghlu kien ta' *time-share operator*;

(c) Fl-1995 zewgha iddecieda li jsiefer ghal skopijiet ta' xoghol. L-ewwel mar Dubai u aktar tard il-Kenya. Ghajr ghal perjodi qosra huwa ma giex lura Malta u fil-fatt wara l-1997 baqa' ghal kollox fl-esteru;

(d) Jirrizulta li zewg l-attirci sar Musulman (Ara ittra ta' Mons. Lawrence Cachia a fol. 31) u skond l-attrici hu rega' zzewweg;

(e) Jirrizulta wkoll illi r-ragel ma baqax jaghti manteniment, jew ghajnuna xort' ohra, lil martu u lil uliedu;

Mir-rikors promotur quddiem is-Sekond' Awla l-attrici tiffonda l-bazi gudizzjarja taghha fuq il-fatt li l-hajja konjugali tal-kontendenti kienet saret impossibbli ghar-ragunijiet imputabbli lil zewgha ta' sevizzi, mohqrija, inkompatibilita` ta' karattru, nuqqas ta' manteniment, abbandun. Fil-korp tac-citazzjoni l-attrici ziedet ukoll is-swat izda din l-allegazzjoni taqa' minnufih comb fuq diskors l-istess attrici meta stqarret, b'referenza ghal zewgha, li "huwa qatt ma sawwatni";

Naturalment jekk xi wahda mill-motivi l-ohra tissussisti dan ikun bizzejjed biex t-talba principali ta' l-attrici – dik tal-firda personali – tigi akkolta;

Issa "*l' incompatibilita` di carattere non costituisce motivo per cui la legge accorda il diritto alla separazione personale, pure la stessa non puo` non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione*" –

"**Marianna Attard –vs- Achille Attard**" Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Novembru 1932;

F'din l-istess decizjoni riportata a Vol. XXVIII P II p 298, gie aggunt inoltre illi "*un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale*";

Adoperat dan ir-ragjunament ghal kaz partikolari hawn ezaminat ghandu jibbasta biex jikkonvinci illi l-azzjoni attrici hi bazata fuq motiv gust. Biex jinghad kollox tezisti gustifikazzjoni wkoll tal-fatt ta' l-abbandun. Jekk fil-bidu r-raguni ta' l-allontanament kienet ghal skopijiet ta' xoghol biz-zmien l-allontanament irrivesta l-karattru ta' l-abbandun li jitqies kolpuz "*quando si effettuasse e si prolungasse senza giusta causa. La persistenza e la continuita` in tal caso, anzi, attribuirebbero all'abbandono un carattere ingiurioso*" – "**Emmanuela Coleiro -vs- Lorenzo Cutajar**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Jannar 1925 (Vol. XXVI P II p 9);

Effettivament dan il-karattru ingurjuz konsegwit bl-abbandun ghandu wkoll sapur ta' mohqrija meta l-mara u l-ulied jithallew bla manteniment u dawn ikunu kostretti li ghas-sussistenza taghhom jirrikorru ghall-ghajnuna socjali.

Ghal dawn il-motivi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba u tippronunzja l-firda personali ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

Tilqa' t-Tieni Talba u taffida lill-attrici l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Amy u Abigail, b'rizerva ghad-dritt ta' access tal-konvenut wara talba appozita minnu f'dan ir-rigward;

Tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar it-Tielet Talba anke ghaliex ma ingiebet l-ebda prova dwar id-dhul u introjtu tal-konvenut jew tal-bzonn ta' l-alimentandi;

Tilqa’ r-Raba’ Talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti izda tastjeni milli tillikwida u tassenja l-istess billi ma jirrizultax mill-provi illi hemm assi fil-komunjoni;

Tichad il-Hames u l-ahhar Talba billi ma jidhirx illi ghal kaz jiccentraw (u/jew hu hekk konsentit li jigu applikati) id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 56, 58 u 59 tal-Kodici Civili.

Salv l-ispejjez tal-kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti li jibqghu a kariku ta’ l-attrici, l-ispejjez l-ohra kollha ghandu jhallashom il-konvenut.

(ft) Philip Sciberras

__________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur